**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 112/2018**

**Paul Formosa (K.I. 299336M) u Mary Formosa (K.I. 0140037M)**

**vs**

**Lucy Cassar (K.I. 463652M)**

**Illum, 3 ta' Diċembru, 2018**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jgħid hekk:

"1. Illi r-rikorrenti huwa wieħed mill-propjetarji tal-fond Charsilv, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Baħar;

2. Illi l-intimata tikri mingħand ir-rikorrenti l-fond fuq imsemmi versu l-kera ta' €300 fix-xahar pagabbli fil-bidu ta' kull xahar bil-quddiem;

3. Illi l-intimata hija moruza fil-pagamenti tal-kera fl-ammont ta' €2700 u ghax-xhur ta' Awwissu 2017, Settembru 2017, Novembru 2017, Frar 2018, Marzu 2018, April 2018, Mejju 2018, Ġunju 2018 u Lulju 2018;

4. Illi minkejja li l-intimata ġiet interpellata sabiex tħallas l-arretrati ta' kera lilha dovuta permezz ta' ittra uffiċjali datata 5 ta' Ġunju 2018 kif ukoll preċedentement kemm verbalment kif ukoll permezz ta' ittra leġali hija baqgħet inadempjenti;

5. Illi għalhekk jirravizaw raġunijiet fil-liġi sabiex jiġi terminat il-kuntratt ta' kera ta' bejn il-partijiet u r-rikorrenti jipprendu l-pussess tal-istess fond;

6. Illi safejn taf ir-rikorrenti, l-intimata ma għandhiex difiża x'tagħtu għat-talbiet tagħha.

Għaldaqstant in vista tal-premess ir-rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jgħaddi biex jiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur ta' l-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara li l-kuntratt ta' kirja fuq il-fond Charsilv, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Baħar bejn ir-rikorrenti u l-intimata Lucy Cassar intemmet;

3. Konsegwentement jordna lil intimata tiżgombra immedjatament mill-fond Charsilv, Triq il-Mazzola, San

Pawl il-Baħar jew entro terminu qasir u perentorju illi jiġi prefiss minn dan il-Bord;

4. Tikkundanaha tħallas l-arretrati ta' kera ammontanti għal €2600;

5. Tiddikjara li l-intimata hija responsabnli għal konsum tad-dawl u tal-ilma sa data li tibqa' fil-fond.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Ġunju, 2018 u bl-imgħax leġali sal-pagament effettiv; u bir-riżerva ta' kull azzjoni leġali ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimata li hi nġunta minn issa in subizzjoni."

Ra illi l-intimata ma preżentatx risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti talbu li (a) il-Bord jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigħ; (b) dikjarazzjoni li l-kirja ntemmet; (c) zgumbrament tal-intimata; (d) hlas tal-arretrati ta' kera fl-ammont ta' elfejnu sitt mittaewro (€2,600); u (e) dikjarazzjoni ta' responsabbilta' għall-konsum tad-dawl u tal-ilma sa data li tibqa' fil-fond.

Illi l-intimata giet debitament notifikata bir-rikors u bid-digriet skont ir-riferta fuq in-naha ta’ wara ta’ folio 11 u bid-digriet u l-avviz tas-smigh skont riferta fuq in-naha ta’ wara ta’ folio 14.

Illi l-intimata ma prezentat l-ebda risposta sabiex tikkontesta t-talba u lanqas dehret quddiem il-Bord sabiex tikkontesta t-talba.

Illi fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti, minhabba t-trapass taz-zmien sabiex issir in-notifika tal-intimata, din il-kawza hadet il-kors normali taghha u ghalhekk l-ewwel talba tinsab ezawrita.

Illi fis-seduta tal-05 t’Ottubru 2018 ir-rikorrenti prezentaw l-affidavit ta’ Paul Formosa bid-dokumenti annessi.

Illi mill-imsemmija affidavit u dokumenti t-talbiet tar-rikorrenti jinsabu pruvati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghaldaqstant il-Bord qieghed jilqa’ t-tieni, t-tielet, ir-raba’ u l-hames talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-intimata, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tal-5 ta’ Ġunju, 2018 u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur